MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2009

Numru. 449/2009

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Joseph Magro, iben Angelo, imwieled Naxxar fil-21 ta' Diċembru, 1943

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-19 ta' April, 2009 għal ħabta tas-7.45 a.m. ġewwa l-Magħtab, ġiegħelt animal isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat ġiegħel l-għasfur isofri uġiegħ jew tbatija minħabba l-fatt li l-badan meritu ta’ din il-kawża kien mal-art minħabba l-fatt li xi ħadd mhux magħruf kien sparalu u għalhekk ma setgħax itir.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn din l-akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------